**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 332/02JR**

**Pater Finance Company Limited**

**vs**

**Robert Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Frar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm624.00), rapprezentanti import ta' tmien (8) kambjali, kollha ta' tmienja u sebghin lira Maltija (Lm78.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Frar 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-22 ta' Jannar, 2002, jammontaw ghal sittax-il lira Maltija (Lm16.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru, 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-26 ta' April, 2002, li biha stante pagament ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm257.00) fil-mori tal-kawza, in kwantu ghall-ghaxar liri (Lm10.00) ghall-imghax sal-5 t'April, 2002, u l-bilanc ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm247.00) akkont tas-sorte, irriduciet s-sorte bl-istess somma ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm247.00), u zammet ferm il-bilanc tas-sorte fl-ammont ta' tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm377.00) bl-imghax mis-6 t'April, 2002, u l-ispejjez tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba**

**attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm377.00) bl-imghax kummercjali mis-6 t'April, 2002, sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Otttubru, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**